



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-19 ta' Novembru 2019 – INA et

(Kawża C-200/19)¹

“Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Il-punt 1(a) tal-Artikolu 9 – Ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam kuntrattwali – Kunċett ta’ “qasam kuntrattwali” – Obbligi finanzjarji imposti mil-liġi nazzjonali fuq il-kopoprjetarji ta' bini – Azzjoni ġudizzjarja intiża għall-kisba tal-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi”

1. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 1215/2012 – Kompetenzi speċjali – Ġurisdizzjoni fil-qasam kuntrattwali – Kunċett – Obbligi finanzjarji imposti mil-liġi nazzjonali fuq il-kopoprjetarji ta' bini – Inklużjoni

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012, il-punt 1(a) tal-Artikolu 7)

(ara l-punti 27-31, dispożittiv 1)

2. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament Nru 1215/2012 – Kompetenzi speċjali – Kontestazzjoni relatata mal-użu ta' fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor – Kunċett – Azzjoni relatata ma' obbligu li jirriżulta mill-pusseß, minn kumpannija, ta' bini professionali – Esklużjoni

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012, il-punt 5 tal-Artikolu 7)

(ara l-punti 35-38, dispożittiv 2)

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li kawża dwar in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligi finanzjarji imposti mil-liġi nazzjonali fuq il-kopoprjetarji ta' bini għandha tīgħi kkunsidrata li taqa' taħt il-kunċett ta’ “qasam kuntrattwali”, fis-sens tal-punt 1(a) ta' dan ir-regolament.

¹ ĠU C 164, 13.5.2019.

- 2) Il-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li kawża, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dwar obbligu li jirriżulta mill-pussess, minn kumpannija, ta' bini professjonali fejn hija stabbilita u teżerċita l-attivitajiet tagħha, ma tikkostitwixx “tilwima li tirriżulta mill-attività ta’ fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni.